*Il-Viċi Sindku daħal fil-kamra fil-17.15*

- Semma li jħossu kuntent ħafna li tfaħħlu n-notifiki madwar Hondoq ir-Rummien li jikkonfermaw li ż-żona ta' Hondoq ġiet inkluża fil-lista ta' żoni protetti – *'Żona speċjali ta' Konservazzjoni – Sit ta' Importanza Nazzjonali.'* B'hekk issa Hondoq ser jibqa jitgawda minn kulħadd.
- Ta update dwar is-17 il-edizzjoni tal-QIFF li ttella bejn it-13, 14 u l-15ta' Settembru. Irringrazzja lill-ħaddiema tax-xogħol tagħhom u wera t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' nteress għal dan il-festival li qed jonqos minn sena għal oħra. Minħabba li biex jinġibu gruppi barranin jinvolvi ħafna spejjeż u li ħafna drabi juruk videos u jiżfnu ferm differenti, staqsa jekk hemmx qbil li ssir bidla fil-festival. Semma diversi alternattivi bħal ljieli Qalin li jistgħu jsiru f'postijiet differenti. Semma li jista jsir xi ħaġa ġimgħat qabel jew qrib il-festa, bħal iljieli Qalin b'temi differenti jew f'postijiet differenti madwar l-Qala. Żid jgħid li lejla minnhom jissuġġerixxi li tkun iddedikata lit-tfal, lejla għawdxija, 80's nights jew xi grupp popolari u mhux bilfors jkunu ljieli wara xulxin. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ semma li bħal ma kien isir żmien ilu, tajjeb li jsiru xi affarijiet differenti pero mhux li jinqata l-QIFF. Kien hemm qbil li nikkordinaw mal-Leon Promotions li jorganizzaw il-folk festival f'Malta sabiex nħarrku il-perjodu li fih isir l-festival tagħna ma tagħhom. B'hekk jkollna ferm aktar gruppi. Kien hemm qbil ukoll li l-ikla ma tibqax issir imma ndaħħlu kunċetti ġodda. Minħabba li Ġorġ Zahra ma għadux jista jattendi, kien hemm qbil li navviċinaw lil Fabian Galea li hu professjonist fil-qasam sabiex naraw jekk jkunx interessat li jkun organisor tal-attivita'.
- Semma li se nibdew naħsbu għall-attivitajiet ta' żmien il-Milied. Issuġġerixxa li nerġgħu nagħtu l-kotba lit-tfal tal-iskola primarja, ssir ħarġa għaż-żgħażagħ b'kollaborazzjoni ma Fr. Michael, ssir ħarġa kulturali u edukattiva f'Malta, ssir ħarġa soċjo kulturali għall-anzjani li tinkludi tombla, nerġgħu ngħidu lill-Fr. Christmas idur mal-Qala u forsi jista jqassam ir-rigali, nagħmlu l-Christmas Tree u Rene u Noel jieħdu ħsieb il-Christmas Markets. Żid jgħid li nagħmlu leaflet bl-attivitajiet kollha u jitqassam kmieni f'kull dar. Ippropona li ngħidu lill-paroċċa u l-għaqdiet l-oħra sabiex isir leaflet wieħed bl-attivitajiet kollha li se jsiru fil-Qala matul il-perjodu tal-Milied. Semma wkoll li jsir it-tiżjin tal-Milied fit-toroq bħas-soltu. Kompliet diskussjoni fejn il-Kunsilliera Valerie C Mejlak staqsiet jekk allura hi hux se jkollha x'taqsam mall-Christmas Market għaliex il-Christmas Market kien innovazzjoni ġdida tagħha li għamlitha hi. Hi qalet li s-Sindku qed jipprova jkisser xi ħaġa li kienet issir u dan skont hi apposta biex Valerie ma tkun għamlet xejn. Il-Viċi Sindku qal li l-attivitajiet huma fid-dekasteru tiegħu u ta' Rene u għaliex ma tagħmlux hi, xorta se jsir. Kompla li fl-ebda ħin ma qalulha li ma tistax tgħin pero kulħadd għandu jaċċetta d-dekasteri li jiġu fdati lilhom. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ qal li din hija attivita' li se tiġi organizzata mill-Kunsill u allura għandna nitkellmu



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt